**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Carmelo Grogan**

**Illum, 8 ta' Novembru, 2015**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Carmelo Grogan, ta' 62 sena, iben Henry u Maria xebba Mallia, imwieled Żabbar nhar l-01 ta' Novembru 1953, residenti, 4, Triq il-Biedja, Luqa, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 774653M;

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-05 u s-06 ta' Novembru 2015, minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni:

1. Irrendejt ruħek kompliċi f'delitt (u cioe' serq ta' diversi għoddod u materjal tal-kostruzzjoni) liema serq huwa aggravat bil-valur (li jaċċedi il-€232.94, iżda ma jaċċediex l- €2329.37), u bil-ħin,

għad-dannu ta’ Francesco Saverio Cutajar, Antoine Mallia, u Nicola Vella;

2. Laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, (cioe’ diversi għoddod u materjal tal-kostruzzjoni) meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-08 ta’ Novembru 2015 sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhix wahda netta jirrizulta li l-imputat mill-1999 ma regax habbat difru mal-ligi ghajr ghal reat wiehed ta' natura kontravenzjonali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 43, 267 u 271, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien xhur habs sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur